Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8559 — AUNDE/Baker/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 290/05)

1. Fil-25 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi AUNDE Achter & Ebels GmbH, li hija proprjetà ta' AUNDE Group ("AUNDE", il-Ġermanja) u kkontrollata minn CCBA GmbH & Co. KG, u Bader Holding GmbH, li hija proprjetà ta' Bader Group ("Bader", il-Ġermanja) u kkontrollata minn Bader Gmbh & Co. KG, jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' AUNDE C & S GmbH (il-joint venture, "JV", il-Ġermanja) permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— AUNDE tiddisinja, timmanifattura u tforni ħjut, tessuti tekniċi, covers tas-seats, molol tekniċi, seats sħaħ, biċċiet tal-foam, l-intern u komponenti komposti għall-Manifatturi ta' Apparati Oriġinali (Original Equipment Manufacturers, "OEMs") permezz tal-marki tad-ditta "AUNDE", "Isringhausen" u "Fehrer";

— Bader tipproduċi l-ġilda li tista' tintuża għall-covers tas-seats u f'partijiet oħra interni tal-vetturi;

— il-JV se timmanifattura u tforni covers tat-tessuti u/jew tal- ġilda għall-karozzi tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali lill-OEMs, primarjament fiż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.8559 — AUNDE/Bader/JV, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.